**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Frar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 158/2014 AF**

**Peter Paul Cachia**

**vs**

**Anthony Stivala ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera bl-isem ta' Tishtom Alcosteel Recycling Co. Ltd debitament registrata skond il-ligi f'Bangkok Tajlandja bin-numru 015550041595;**

**u**

**Anthony Stivala**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Peter Paul Cachia li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-esponenti jinnegozja fi scrap metal u ilu jaghmel dan il-mistier u dana fis-suq Malti u kif ukoll f'dak lil hinn mix-xtut Maltin.

Is-socjetà intimata Tishtom Alocsteel Recycling Co. Limited kienet tramite Rathendra Barua maghruf bhala Tito u martu Chutipa Srinakorn beda jinnegozja flimkien ma' dawn il-partijiet f'dak li jirrigwarda esportazzjoni ta' scrap metal u materjal iehor relatat mal-iscrap.

Fil-fatt il-partijiet ftehmu li jsir negozju konsistenti f'esportazzjoni ta' diversi containers mimlija b'heavy metal scrap (HMS) u cable scrap u kif ukoll container mimli bil-metal tins liema containers kellhom jigu esportati lejn it-Tajlandja u parti fit-Taiwan b'dana li r-rikorrenti kellu jithallas fuq bazi ta' cash on documents.

Ir-rikorrenti lesta u baghat lis-socjetà intimata sett ta' tnax (12)-il container mimlija bil-materjal miftiehem bejn il-partijiet skond kif ftehmu l-istess partijiet.

Ix-xoghol wasal fid-destinazzjoni mitluba mis-socjetà intimata u s-socjetà intimata bdiet tirrifjuta li thallas sakemm ir-rikorrenti ma jibaghtx il-bqija tax-xoghol li kienu ftehmu li jigi kkonsenjat il-partijiet.

Rathendra Barua maghruf bhala Tito u martu Chutipa Srinakorn weghdu lir-rikorrenti li huwa kien ser jithallas fi zmien gimgha minn meta jircievu l-konsenja tal-merkanzija miftiehma fl-intier taghha.

Ir-rikorrenti kien ghalhekk ghamel l-arrangamenti necessarji sabiex jibaghtu l-bqija tal-hmistax (15)-il containers li kellhom jintbaghtu skond il-ftehim.

Wara l-wasla tax-xoghol kollu li kellu jigi kkonsenjat mir-rikorrenti lis-socjetà intimata, s-socjetà intimata u r-rapprezentanti taghha baqghu jirrifjutaw li jhallsu lir-rikorrenti u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Sussegwentement segwew sensiela ta' skuzi fejn Barua maghruf bhala Tito tramite martu Chutipa Srinakorn qalet lir-rikorrenti li Tito kellu problemi ta' sahha u ghalhekk ma setghux ihallsuh meta dan ma kien minnu xejn.

Sussegwentement Barua maghruf bhala Tito u martu Chutipa Srinakorn anki nfurmaw lirrikorrenti li kienu ser jiehdu self minn bank sabiex ihallsuh.

F'Dicembru tas-sena 2012, is-socjetà intimata hallset lir-rikorrenti s-somma ta' €11,353, liema somma parti minn bilanc akbar li kien dovut lir-rikorrenti.

Nonostante hafna weghdiet ghall-hlas la s-socjetà intimata u lanqas ir-rapprezentanti taghha ma hallsu xejn lir-rikorrenti.

Fil-frattemp is-socjetà intimata inkarigat lil certu Anthony Stivala sabiex jibda jinnegozja f'isimha u anki jzomm flus ghan-nom tal-istess socjetà intimata tant illi kien l-istess Anthony Stivala li anki qieghed jippartecipa f'diversi tenders u anki ghamel sekwestru kontra r-rikorrenti u dana a skapitu u b'rizultanzi ta' danni fil-konfront tar-rikorrenti.

Minhabba dan l-agir ir-rikorrenti sofra u ghadu jsofri sal-gurnata tal-lum diversi danni.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet ir-rikorrenti ghadu sal-lum ma thallasx tax-xoghol li huwa kkonsenja.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kkaggunati lir-rikorrenti per konsegwenza tan-nuqqas ta' hlas li sar tal-merkanzija kkonsenjata mir-rikorrenti lill-intimati u l-agir abbuziv taghhom.

2. Tillikwida r-rizultati danni subiti mir-rikorrenti minhabba l-agir abbuziv u frawdolenti tal-intimati jew min minnhom.

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrenti dak l-ammont hekk likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) kontra l-intimat li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Anthony Stivala di proprio fejn gie eccepit illi:

L-intimat Anthony Stivala di proprio qatt ma jista' jigi meqjus bhala legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-istess intimat di proprio di fatti qatt ma kellu u lanqas ma ghandu xi relazzjoni guridiku mar-rikorrenti.

Fil-fatt meta sehh l-allegat negozju bejn ir-rikorrenti u s-socjetà intimata fis-sena 2012, l-intimat kien ghadu lanqas biss dahal fix-xena.

Kien biss f'Mejju/Gunju tas-sena 2013 meta l-intimat Stivala fforma socjetà kummercjali li tramite l-istess socjetà bdiet tiehu sehem fit-tenders ta' xiri ta' scrap metalliku u fejn kienet rebbieha fl-istess tender, kienet tbiegh u tikkonsenja l-istess materjal lis-socjetà intimata.

Ghalhekk l-intimat Stivala di proprio qatt ma kien f'xi shab jew f'xi negozju mas-socjetà intimata izda sempliciment il-fatt kien li s-socjetà tal-intimat Stivala kienet tbiegh materjal ta' scrap mettalliku lis-socjetà intimata minn wara Gunju 2013 'l hawn.

Anqas huwa minnu li l-intimat Stivala di proprio kien qed jippartecipa fit-tenders il-ghaliex dan l-ezercizzju kien qed jaghmlu ghan-nom u in rapprezentanza ta' socjetà kummercjali registrata hawn Malta fejn huwa ghandu l-kariga ta' direttur.

Ghalhekk l-intimat Stivala qatt ma kien xi rapprezentant hawn Malta tas-socjetà intimata u meta l-istess intimat nomine ntavola mandat ta' sekwestru u kawza Civili kontra r-rikorrent, dan kien ghamlu biss fil-kapacità tieghu bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera intimata u mhux ghax kien b'xi mod involut fin-negozju li kien hemm bejn ir-rikorrent u s-socjetà

intimata u/jew ghax kien jew huwa xi agent lokali tas-socjetà estera. Il-mandat da parti tas-socjetà estera kien inghata limitatament biss ghal skopijiet tal-proceduri gudizzjarji u xejn aktar.

Ghalhekk bhala mandatarju ta' socjetà estera, l-intimat di proprio jista' biss ikunu responsabbli ghall-ispejjez gudizzjarji però certament mhux ghal mertu tal-kaz innifsu.

Ghalhekk ghandu jirrizulta li dawn il-procedui gew intavolati kontra tieghu fil-vesti tieghu personali minghajr ebda gustifikazzjoni jew bazi legali.

Di più jinghad ukoll li anke fil-premessi u fatti esposti mir-rikorrent fir-rikors promotur guramentat ma jintefa ebda hjiel ta dawl il-ghala l-kawza de quo infethet ukoll kontra tieghu personalment.

Il-fatti li jifformaw parti mill-meritu tar-risposti fuq citati huma maghrufa personalment lill-intimat Anthony Stivala.

In vista tal-premess ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat Stivala di proprio ghandhom jigu lkoll respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Qed jigi minn issa riservat id-dritt sabiex l-intimat Stivala di proprio ikun jista' jressaq risposti ohra ulterjuri jekk jinqala l-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa qed jigi ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xiehda prodotta.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-ewwel m'ghandha tqis din il-Qorti qabel xejn hija l-kwistjoni jekk Anthony Stivala proprio u l-intimat Anthony Stivala nomine tħarrkux korrettement.

Tosserva fl-ewwel lok li għalkemm fil-prospett tiegħu tat-3 ta' Marzu 2014 l-attur ikkummenta li "l-*intimati għalkemm debitament notifikati, ma ppreżentawx risposta maħlufa u għalhekk huma contumaci (sic)"* dan mhux korrett għal kollox, għax Anthony Stivala "proprio" fil-fatt ippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu.

Fir-risposta ġuramentata tiegħu Anthony Stivala "proprio" sostna fl-ewwel lok li huwa qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u għalhekk qatt ma jista' jiġi meqjus bħala l-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Huwa jispjega li fiż-żmien li s-soċjetà rikorrenti kienet daħlet fin-negozju in kwistjoni huwa kien għadu lanqas daħal fix-xena. Jgħid li kien biss f'Mejju/Ġunju 2013 li huwa fforma soċjetà kummerċjali li bdiet tieħu sehem fit-*tenders* ta' xiri ta' scrap metalliku, u fejn kienet rebbieħa tat-*tender* kienet tbiegħ u tikkonsenja l-materjal lis-soċjetà intimata. Isostni għalhekk li huwa "di proprio" qatt ma kien f'negozju mas-soċjetà intimata.

Din il-qorti fil-fatt tosserva li kemm fil-premessi u kif ukoll fil-fatti esposti mir-rikorrent ma hemm l-ebda indikazzjoni għaliex il-kawża ġiet istitwita kontra Anthony Stivala personalment. In oltre isem Anthony Stivala ma jidher imkien fuq id-dokumenti ppreżentati (la fuq il-poloz ta' karigu, la fuq il-fatturi, u lanqas fil-korrispondenza bl-email) u għalhekk qeghda titqies fondata l-eċċezzjoni tiegħu li huwa "proprio" mhux il-leġittimu kontradittur.

**Din il-qorti tosserva li ma ġiet ippreżentata l-ebda risposta ġuramentata da parti ta' Anthony Stivala "għan-nom u in rappreżentanza" tas-soċjetà intimata**. Però jiġi osservat li Anthony Stivala "proprio" fl-istess risposta ġuramentata tiegħu "proprio" isostni li huwa "*qatt ma kien rappreżentant hawn Malta tas-soċjetà intimata*".

Skont ir-rikorrent Peter Paul Cachia, invece, Anthony Stivala kien ġie inkarigat mis-soċjetà intimata biex jinnegozja f'isimha u biex anke jżomm flus f'isimha tant li kien ipparteċipa f' diversi *tenders* u kien anke għamel sekwestru kontrih. Fix-

xiehda tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2014[1] xehed li:

> *"Jiena peress li naħdmu fl-istess xogħol kont naf illi Anthony Stivala jirrappreżenta lil Tishtom. Nispjega illi Tishtom kienu għamlu kawża lili permezz tal-istess Anthony Stivala bħala mandatarju u qal b'dik il-kawża li jiena għandi ntih meta din il-kawża ġiet ċeduta.* ***Korrezzjoni****: Fil-kawża peress li ma deher ħadd jiena tlabt il-liberatorja. U ġiet mogħtija lili."*

Però f'dan ir-rigward Anthony Stivala "proprio" fir-risposta ġuramentata tiegħu jispjega li meta huwa kien intavola mandat ta' sekwestru u kawża ċivili kontra Cachia:

> "*dan kien għamlu biss fil-kapaċità tiegħu bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera intimata u mhux għax kien b'xi mod involut fin-negozju li kien hemm bejn Cachia u s-soċjetà intimata u/jew għax kien jew huwa xi agent lokali tas-soċjetà estera*."

Ikompli jgħid illi:

> "*Il-mandat da parti tas-soċjetà estera kien ngħata limitatament biss għal skopijiet tal-proċeduri ġudizzjarji u xejn aktar*."

Ikompli jgħid li:

> "*bħala mandatarju tas-soċjetà estera, l-intimat "proprio" jista' biss ikun responsabbli għall-ispejjeż ġudizzjarji però ċertament mhux għall-mertu tal-każ innifsu*."

Għalhekk għalkemm l-attur ma ressaq l-ebda prova biex juri li Anthony Stivala huwa rappreżentant tas-soċjetà intimata, Anthony Stivala "proprio" stess qed jikkonferma li għandu mandat da parti tagħha limitatament għal skopijiet tal-proċeduri ġudizzjarji (anke jekk għażel li ma jippreżentax ir-risposta ġuramentata tiegħu qua mandatarju). U minn kliemu (ladarba anke f'dawn il-proċeduri qed jiddentifika ruħu bħala l-

---

[1] Xiehda tal-attur Peter Paul Cachia, fol 47-48

mandatarju tas-soċjetà intimata) jidher li l-mandat li ingħatalu da parti tas-soċjetà intimata ma kienx limitat għall-kawża ċivili partikolari li kienet ġiet intavolata kontra r-rikorrenti odjern, iżda għall-proċeduri ġudizzjarji in ġenerali.

Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk, ladarba Anthony Stivala għandu r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà intimata, jidher li l-kawża ġiet istitwita korrettement kontra Anthony Stivala għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà intimata. L-istess Anthony Stivala għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà intimata huwa kontumaċi.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza r-rikorrent fir-rikors ġuramentat tiegħu jispjega li huwa jinnegozja fl-*iscrap metal* u li f' xi żmien kien beda jinnegozja mas-soċjetà intimat Tishtom Alcosteel Recycling Co Ltd. Jgħid li kien bagħtilha ħmistax(15)-il container mimlija *heavy metal scrap, cable scrap* u wkoll *metal tins.* Jgħid li f' Diċembru 2012 s-soċjetà kienet ħallsitu s-somma ta' €11,353 iżda kien fadal bilanċ x'jitħallas tax-xogħol li huwa kkonsenja.

Skont il-prospett esebit mir-rikorrent fit-3 ta' Marzu 2015[2] l-ammont li kellu jieħu mis-soċjetà intimata huwa ta' **€200,471.40** (fil-fatt ir-rikorrent stess bil-ġurament tiegħu jikkonferma li kellu jieħu €201,000[3]) li minnhom tħallsu **€11,353** (kif anke kkonfermat bil-ġurament minn Joseph Caruana in rappreżentanza tal-Bank of Valletta[4]) u fadallu jitħallas bilanċ ta' **<u>€189,118.40</u>** bl-imgħaxijiet relattivi. Huwa esebixxa diversi poloz tal-karigu u fatturi fir-rigward.

Din il-qorti eżaminat id-dokumenti esebiti u jidher li l-merkanzija indikata fil-fatturi PPC2[5], PPC4[6], PPC5[7] u PPC6[8] taqbel ma' dik indikata fil-poloz tal-karigu PC3[9], PC1[10], PC2A[11]

---

[2] Prospett esebit mir-rikorrent a fol 63-64
[3] Xiehda tar-rikorrent Peter Paul Cachia tal-21.10.2014
[4] Xiehda ta' Joseph Caruana tal-24.02.2015, fol 74
[5] Fol 7
[6] Fol 9
[7] Fol 10
[8] Fol 11
[9] Fol 72

u PC2B[12] ri vspettivament, u skont l-imsemmija fatturi l-ammont totali jiġi li huwa **€201,671,** li meta jitnaqqsu l-**€11,353** diġa mħallsa, jifdal bilanċ ta' **€190,318.40**. Fil-fatt ir-rikorrent kien għamel rapport mal-Economic Crime Unit fit-12 ta' Diċembru 2013 u kien iddikjara li min-negozju li kien għamel ma' Tisthom Alcosteel Co Ltd kien baqa' ma tħallas l-ammont ta' **€190,318.40.**

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lis-soċjetà intimata responsabbli għad-danni kkaġunati lir-rikorrenti bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' ħlas li sar tal-merkanzija kkonsenjata;

Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-ammont ta' danni għal **€190,318.40** (mija u disghin elf, tlett mija u tmintax u erbghin centezmu).

Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-soċjetà intimata kif rappreżentata ġudizzjarjament minn Anthony Stivala tħallas l-ammont hekk likwidat.

Bl-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% minn meta l-ammonti rispettivi ġew dovuti skont il-fatturi PPC2, PPC4, PPC5 u PPC6, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż kif mitluba fir-rikors ġuramentat.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat nomine.

IMHALLEF

DEP/REG

[10] Fol 65-66
[11] Fol 68-69
[12] Fol 70